

1. Informazzjoni ġenerali dwar il-medjazzjoni

Fir-Repubblika Slovakkja, il-medjazzjoni fil-liġi tal-familja ssejtn biss abbażi ta' parteċipazzjoni volontarja; hija titmexxa minn medjaturi li mhumiex speċjalizzati fil-liġi tal-familja. Qorti ma għandhiex obbligu tordna jew tirakkomanda l-medjazzjoni għar-riżoluzzjoni ta' kwistjoni. Qorti tista' biss tagħti parir lill-partijiet biex jippruvaw il-medjazzjoni biex isolvu kwistjoni.

2. Ħolqa għal lista ta' medjaturi fis-Slovakkja

Ħolqa għas-sit elettroniku Slovakk fejn hemm lista ta' medjaturi hija disponibbli hawnhekk <http://www.komoramediatorov.sk/>, fejn huma mniżżla l-membri tal-Kamra tal-Medjaturi tas-Slovakkja (*Slovenská komora mediátorov*), kif ukoll fuq <http://www.najpravo.sk/>, fejn il-medjaturi huma mniżżla skont ir-reġjun jew distrett fejn jinsabu. Fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika tas-Slovakkja hemm disponibbli lista ta' medjaturi li temmew taħriġ professjonali biex jaħdmu bħala medjaturi (*Ministerstvo spravodlivosti Slovenskej republiky*) <http://www.justice.gov.sk/>.

3. Ħolqa għas-sit elettroniku dwar il-medjazzjoni fil-liġi tal-familja u l-medjazzjoni b'mod ġenerali

Informazzjoni ġenerali dwar il-medjazzjoni hija disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Kamra Slovakkja tal-Medjaturi:<http://www.komoramediatorov.sk/>, kif ukoll hawnhekk <http://www.najpravo.sk/>.

4. Ħolqa għal-leġiżlazzjoni Slovakkja

Leġiżlazzjoni nazzjonali speċjali dwar il-medjazzjoni fil-liġi tal-familja għadha ma ġietx adottata. Il-proċedimenti ta' medjazzjoni f'dan il-qasam — kif ukoll fl-oqsma l-oħra kollha fejn il-medjazzjoni hija permessa għar-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet barra mill-qorti — isiru skont l-

Att Nru 420/2004 dwar il-medjazzjoni u ċerti atti ta' emenda.

L-aħħar aġġornament: 10/07/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.